MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Numru. 1005/2005

PULIZIJA
SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI
VS
ALI OMRAN ABDULSALEM ABDELSALAH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ali Omran Abdulsalem Abdelsalah, ta’ 24 sena, bin Amar u Aisha nee’ Abdulsalem, ta’ nazzjonalita’ Libyana, imwieled Benghazi fl-1982, detentur tal-passaport numru 784320, u akkuzat talli telaq minn Malta taht ordni ta’ tnehhija datata 8 ta’ Novembru 2004, jew ordni ta’ deportazzjoni, u minghajr ma talab permess biex jinzel l-art, u cioe’ nizel Malta fl-24 ta’ Dicembru 2004, f’Hal Luqa Malta, jew permess biex jinzel l-art u jibqa’ Malta, jew minghajr ma talab biex jinghata permess ghal residenza, minghajr ma ddikjara espressament bil-miktub lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni din ic-cirkostanza, u talli naqas li jaghmel dan, kull permess tali jew permess ta’ residenza li

jinghatalu jkun null u bla effett, minhabba biss dan in-nuqqas., u dan bi ksur tal-Artiklu 24 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll taht l-istess cirkostanzi, fl-24 ta' Dicembru 2004, ghamel uzu minn passaport mahrug f'isem persuna ohra, u cioe' passaport Libjan bin-numru 473797, li huwa mahrug f'isem huh Salahden Omran A. Abdelsalem, u dan bi ksur tal-Artiklu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artiklu 24 tal-Kap 217, Artiklu 4 tal-Kap 61 u Artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------